**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Robert Vella)**
**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Roderick Cilia**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Roderick Cilia**, ta' 40 sena, iben Anthony Cilia u Mary xebba Fenech, imwieled il-Pieta`, nhar l-20 ta' Jannar, 1978 u residenti gewwa St. Joseph Court, Flat 1, Triq Sebastjan Saliba, Ghaxaq. Detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 100678(M).

Akkuzat talli bejn il-perjodu tal-20 ta' Dicembru, 2018 u t-22 ta' Jannar, 2019, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, (vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Yaris) mehud b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

2. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'kitba, tpingija jew b'mod iehor, bidel, hassar, sfigura jew zied xi haga f'licenzja ta' xi vettura bil-mutur, jew qieghed fuq vettura diska ta' licenzja li giet mibdula, thassret, giet sfigurata jew li gie mizjud xi haga fiha;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija minn Transport Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

4. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, saq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bil-mutur minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar riskji ghal terzi persuni;

5. u aktar talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D) nhar l-20 ta' Mejju, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. u aktar talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ohra imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D) nhar l-14 ta' Mejju, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. u finalment talli, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D) b'digriet datat 09 ta' Gunju, 2017, permezz tieghu nghata il-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja u kif ukoll taht garanzija personali ta' €500.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka contrario imperio tad-digriet li bih Roderick Cilia inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat u kif ukoll tordna

li s-sommom bhala depozitu u/jew garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra mill-tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba illi tiskwalifika lil Roderick Cilia milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta' zmien li jidhrilha xieraq.

2. Rat li fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2019, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Wayne Camilleri irregistra is-segwenti verbal:[1]

*"… … (I)l-Prosekuzzjoni tirrimarka li l-imputazzjoni numru 7, li terrelata ghall-ksur ta' digriet tal-qorti diversament preseduta dwar kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest giet attribwita b'mod errat. Illi fil-fat id-digriet mahrug fid-9 ta' Gunju 2017, liema digriet jinsab a fol. 16 tal-process, huwa ai termini tal-Artikolu 412A, u mhux skond l-artikolu 575 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. … … Illi ghall-imsemmija motivi elenakati aktar qabel, il-Prosekuzzjoni qed tiddikjara li mhux qed tinsisti aktar fuq is-seba' imputazzjoni hekk kif migjuba fil-konfront tal-imputat, stante li din ma tistax tirrizulta hekk kif dedotta."*

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Novembru 2019, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

    i. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    ii. Fir-regolament 44(3)(6) u (7) tal-Ligi Sussidjarja tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Ara fol. 208 tal-process.

iii. Fir -regolament 44(5)(6) u (7) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;
iv. Fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
v. Fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
vi. Fl-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
vii. Kif ukoll fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li dawn il-proceduri kriminali kontra tieghu jigu trattati minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u rat li d-difiza naqset li tipprezenta in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva taghha fit-terminu lilha preskritt.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fl-20 ta' Dicembru 2018, ghall-habta tat-tmienja ta' fil-ghaxija (8.00pm), il-Pulizija tal-Ghassa tal-Marsa ircevew rapport minghand Jo-Anna Psaila, li l-vettura taghha tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni GBJ-105 kienet giet misruqa, wara li hi kienet hallietha ipparkjata gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, xi siegha qabel, u cioe ghall-habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00pm). Psaila ziedet tghid li lanqas ma setghet issib ic-cwievet tal-istess vettura, u stqarret li probbilment dawn kienu waqghulha, wara li kienet ipparkjat u sakkret il-vettura.

(ii) Il-Pulizija kienu marru fuq il-post indikat minn Psaila fejn hi kienet ipparkjat il-vettura, pero l-investigazzjonijiet taghhom irrizultaw fin-negattiv.

(iii) Fit-22 ta' Jannar 2019, ghall-habta tas-seba' u nofs ta' fil-ghaxija (7.30pm), l-Ufficjali Prosekuturi fil-kawza odjerna kienu gew infurmati mill-Pulizija tal-

Ghassa taz-Zejtun, li l-imputat, Roderick Cilia, kien mar jiffirma f'din l-Ghassa tal-Pulizija, u wara li hareg mill-ghassa, il-Pulizija rawh jaghmel uzu minn vettura suspettuza tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni KBG – 105.

(iv) Meta l-Pulizija tal-Ghassa taz-Zejtun ghamlu l-verifici fuq dan in-numru ta' registrazzjoni, irrizulta li dan kien jghajjat vettura ohra tal-ghamla Toyota Hilux, li kienet giet iggaraxxjata ma' Transport Malta fid-29 ta' Novembru 2017.

(v) Wara li ghamlu iktar verifici, il-Pulizija irrizultalhom li l-vettura Toyota li kien qed juza' l-imputat kienet l-istess vettura rraportata nieqsa fl-Ghassa tal-Marsa fl-20 ta' Dicembru 2018.

(vi) Minn ezamijiet li saru fuq din il-vettura Toyota, irrizulta li l-pjanci ta' registrazzjoni kienu effettivament maghmula minn zewg bicciet ta' pjanci differenti – wahda bl-ittri u l-ohra bin-numri – imwahhlin flimkien. L-ittri 'KBG' kienu nofs pjanca ta' vettura ohra, fil-waqt li n-numri '105' kienu probabbilment parti mill-pjanci originali tal-vettura Toyota in kwistjoni.

(vii) Ghaldaqstant, il-Pulizija arrestat lill-imputat u ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni kontra tieghu.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

8. Mill-provi imressqa mill-Pulizija jirrizulta li t-Toyota Yaris kienet giet misruqa fl-20 ta' Dicembru 2018 minn terzi persuni. Il-licenzja mwahhla mal-*windscreen* – li giet esebita in atti – giet vizibilment modifikata b'mod illegali. In oltre, mill-provi prodotti – inkluz mir-rapport tal-espert Inginier Jean Paul Azzopardi li gie mahtur minn din il-Qorti jirrizulta li ghall-inqas l-ittri tal-pjanci ta' registrazzjoni originali gew maqtugha u sostiwiti bl-ittri 'KBG'. Mill-*unique identification number* fuq in-nofs pjanca ta' dawn l-ittri, irrizulta li dawn il-pjanci kienu originarjament japparjenu lil vettura tal-ghamla Citroen C3 Pluriel registrata fuq isem Carmel Grech. Fil-21 ta' Dicembru 2018, Carmel Grech kien irraporta lill-Pulizija li kienu insterqulu l-pjanci tar-registrazzjoni

tal-vettura tieghu, u sussegwentement talab lil Transport Malta sabiex tohroglu pjanci b'numru ta' registrazzjoni differenti.

9. L-imputat ma ipproduca l-ebda provi sabiex jirribatti l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni. Pero fiz-zewg stqarrijiet rilaxxati minnu, huwa stqarr li l-vettura tal-ghamla Toyota li nstaghbet fil-pussess tieghu – liema vettura kienet giet misruqa xahar qabel – kienet giet f'idejh ghax sellifielu certu 'Paul', ragel ta' karnaggjon skura, fit-8 ta' Jannar 2019. Huwa qal li hu kien qieghed il-Hamrun, u kien qed jitkellem fuq il-fatt li marritlu l-magna tal-karozza tieghu, u meta dan 'Paul' semghu jghid hekk, offrielu li jikrilu l-vettura tieghu peress li kien se jsiefer bejn it-8 ta' Jannar u 3 ta' Frar 2019. L-imputat qal li ma immaginax din li kienet misruqha ghax ma kellhiex wires maqtughin.

10. Meta gie mitlub mill-Pulizija sabiex jaghtihom aktar dettalji dwar dan 'Paul', l-imputat stqarr li dan Paul ma kienx Malti u li hu kien jafu fil-pjazza tal-Hamrun. Huwa ma kienx jaf kunjom dan Paul, l-indirizz tieghu u lanqas fejn jahdem. Ghalkemm kien jaf li siefer, ma kienx jaf fejn mar.

11. L-imputat stqarr ukoll li hu u Paul kienu ftehmu li l-imputat ihallsu €50 bhala self ta' din il-vettura, u mbaghad Paul qallu *"tini xi haga ohra meta nigi lura"*, pero ma kellux idea kemm kien ghad fadallu flus xi jtieh, ghax ma ftehmux. Ghaldaqstant l-imputat ma kienx jaf kemm kellu jhallas iktar ghaliha, meta dan Paul jerga' jirritorna lura Malta fit-3 ta' Frar 2019. Huwa stqarr ukoll li hu u Paul ma kienu iffirmaw l-ebda skrittura ghal kirja ta' din il-vettura, u li Paul ma kien tah l-ebda ricevuta ghal €50 li kien diga tah.

12. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ta lill-Pulizija in-numru tal-mobile ta' dan Paul, pero l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Robert Vella xehed li sa dak in-nhar li xehed hu - u cioe sat-18 ta' Frar 2019 – il-Pulizija kienet ghada ma rnexxiliex taghmel kuntatt ma' dan Paul.[2]

13. Huwa ovvju li l-versjoni tal-fatti li ta l-imputat fiz-zewg stqarrijiet tieghu m'ghandhomx mis-sewwa. Mhux verosimili li xi hadd jikri vettura li kienet fi stat tajjeb hafna – kif jixhdu ir-ritratti taghha esebiti in atti – lil persuna li bil-kemm jafha, minghajr

[2] Ara fol. 47 tal-process.

ma ghall-inqas jiftiehmu fuq l-ammont tal-kirja, u jaghmlu skrittura bejniethom. Bl-ewwel isem u bin-numru tal-mobile biss, il-Pulizija ma rnexxiliex tirrintracca lil dan Paul, li suppost kellu jirritorna Malta fit-3 ta' Frar 2019.

14. Din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, li l-imputat kien konxju li qed jghamel uzu minn vettura misruqa. Mhux biss l-ispjegazzjoni tieghu dwar kif beda juza din il-vettura m'ghandhiex mis-sewwa, izda l-licenzja imwahhla fuq il-windscreen tal-vettura tidher vizibilment li giet imbaghbsa, sabiex l-ittri fin-numru ta' registrazzjoni ma identifikabbli.[3] In oltre, ghalkemm ma' l-ewwel daqqa' t'ghajn il-pjanci ta' registrazzjoni kienu jidhru shah, persuna li tkun qed tuza l-vettura regolarment kienet tinduna li fil-fatt kull pjanca kienet maghmula minn zewg bicciet ta' pjanci ta' registrazzjoni differenti iwweldjati flimkien, u li l-welding gie moghtti b'*tie wrap*. Il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat kien konxju ta' dawn il-modifikazzjonijiet illegali. Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat, u cioe dik tar-ricettazzjoni ta' vettura misruqa giet debitament ippruvata.

15. Kif diga inghad il-Qorti hija konvinta li l-imputat ghamel uzu minn din il-vettura meta kien konxju li l-licenzja tal-vettura u l-pjanci tar-registrazzjoni kienu gew immodifikati illegalment, u ghalhekk huwa hati wkoll tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu

16. Pero mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien l-imputat li immodifika illegalment din il-licenzja u dawn il-pjanci, u ghaldaqstant ma jistax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

17. In oltre, irrizulta wkoll mill-provi li l-imputat ghamel uzu minn din il-vettura Toyota meta hu ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghal terzi persuni.

18. Konsegwentement, jirrizulta li l-imputat ikkommetta dawn ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi sospizi imposti fuqu minn din il-Qorti, diversament preseduta, wahda deciza fl-20 ta' Mejju 2015 u l-ohra fl-14 ta' Mejju 2018. Iz-zewg sentenzi jinsabu ezebiti in atti.

---

[3] Ara Dok RV 7 a fol. 56 tal-process.

19. Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva, mis-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament preseduta, esebiti in atti, u cioe iz-zewg sentenzi imsemmija fil-paragrafu precedenti, kif ukoll is-sentenza deciza kontra l-imputat fis-6 ta' Lulju 2015, jirrizulta li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Pero mill-provi prodotti ma' tirrizultax ir-recidiva kontemplata fl-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, stante li mill-provi esebiti jirrizulta li l-imputat instab hati ta' serq darba wahda biss b'sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tat-13 ta' Novembru 2009, liema sentenza fi kwalunkwe kaz ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ghal fini ta' recidiva, stante li l-piena inflitta fuq l-imputat f'din is-sentenza ma kinietx teccedi hames snin prigunerija.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

20. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat m'hix wahda felici. Huwa ghandu hdax (11)-il kundanna minn dawn il-Qrati ghal diversi reati, fosthom ksur tal-ligijiet tad-dwana, pussess semplici kif ukoll aggravat tad-droga, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, serq kwalifikat, li ikkaguna feriti gravi fuq persuna, u zewg kundanni ta' feriti lil Pulizija waqt li qeghdin jezegwixxu d-doveri taghhom. Huwa gie mpoggi tlett (3) darbiet taht ordni ta' probation, u inghata hames (5) sentenzi sospizi, fosthom iz-zewg sentenzi sospizi li huwa instab hati li kiser f'dawn il-proceduri. Huwa inghata wkoll piena karcerarja effettiva wahda.

21. Jidher car li l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu mill-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita li sfortunatament qabad. L-indifferenza tieghu lejn l-awtoritajiet tal-pajjiz u li jirriforma ruhu irrizultat wkoll f'dawn il-proceduri, fejn minkejja li gie mpoggi taht ordni temporanja ta' supervizjoni mir-rapporti tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li huwa ma kienx jikkopera mal-istess Ufficjal, u ftit li xejn attenda ghall-appuntamenti moghtija lilu. L-unika zmien fejn beda jikkoopera mal-Ufficjal tal-Probation, u donnu kien motivat li jipprova jbiddel hajtu, kien meta ghamel numru ta' xhur detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, in konnessjoni ma' proceduri kriminali ohrajn. Pero meta hareg mill-habs, din il-motivazzjoni ghebet.

22. Tenut kont tas-suespost, l-unika piena idonea tista' biss tkun dik ta' piena karcerarja effettiva.

23. Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li gie debitament ippruvat li l-vettura misruqa li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-imputat kellha valur ta' circa sitt elef Euro (€6,000).[4]

24. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija wkoll tal-opinjoni li z-zewg sentenzi sospizi li gie ippruvat li l-imputat kiser il-kundizzjoni imposta fihom, ghandhom jigu rezi ezekuttivi.

25. Tenut kont tal-fatt li l-vettura Toyota Yaris misruqa giet moghtija lura lil sidha Jo-Anna Psaila fil-mori ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti ma tarax li hemm lok li tikkundanna lill-imputat ihallasha xi danni.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Lulju 2019, qieghda:

1. Issib lill-imputat mhux hati tar-reat ikkontemplat fir-regolament 44(3) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minnu;

2. Issib lill-imputat mhux hati tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minnu;

3. Wara li rat l-Artikoli 334(a), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolament 44(5) tal-Ligi Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati fihom ikkontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' erba' (4) snin.

---

[4] Ara xhieda ta' Max Borg Bonello a fol. 166 *et seq.* tal-process.

4. Ai termini ta’ l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, moghtija permezz ta’ sentenza fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Josette Demicoli, fl-20 ta’ Mejju 2015 tigi reza operattiva;

5. Tordna ulterjorment, ai termini ta’ l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li l-piena ta’ prigunerija ta’ tlieta u tletin jum sospizi ghal sentejn (2) snin, moghtija permezz ta’ sentenza fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Ian Farrugia, fl-14 ta’ Mejju 2018 tigi reza operattiva.

   Ghalhekk, il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta’ sitt (6) snin u tlieta u tletin (33) jum prigunerija.

6. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

7. Il-Qorti tordna wkoll li l-hati jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta’ tnax-il xahar mil-lum.

8. Fl-ahharnett, il-Qorti tordna l-konfiska tal-bicciet tal-pjanci tar-registrazzjoni esebiti f’dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**